MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 12/2005

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici A B u l-konvenut C D izzewgu fis-17 ta' Frar 1996;

Premess illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali tnejn (2) ta' April 1998 fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella (Dok A);

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza';

Premess ili l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat b' anomalija psikologika fit-termini tal-paragrafu D u kif ukoll bl-eskluzzjoni pozittiva fit-termini ta' paragrafu F ta' l-artikolu 19(i) tal-Kap. 255;

Premess illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet hu null u invalidu skond il-ligi;

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tas-sbatax (17) ta' Frar 1996 fuq imsemmi hu null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici, il-lista tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat li l-konvenut debitament ingunt ghazel li jibqa' kontumaci; izda fid-deposizzjoni tieghu in subizzjoni ddikjara li jaderixxa mat-talba ta' l-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-17 ta' Frar 1996 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [a] u l-ewwel parti tal-paragrafu [d], kif ukoll dak tal-konvenut kien vizzjat fit-

termini tat-tieni parti tal-paragrafu [d], ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu u taghtihom affidament; ukoll peress li f' aspett li ghandhu relevanza qawwija f' din il-kawza, il-versjoni taghhom tinsab korroborata minn social worker addetta ma' l-agenzija Sedqa.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet ikkuntrattaw zwieg fis-17 ta' Frar 1996 meta allura huma t-tnejn kellhom 19 - il sena, u wara li kien ilhom johorgu flimkien ftit anqas minn sentejn. Jirrizulta li matul dawn is-sentejn l-attrici harget tqila mill-konvenut, u wara xaharejn dawn izzewwgu malajr.

Illi mill-bidu nett il-konvivena matrimonjali bejn il-partijiet bdiet tixxaqqaq; wara gimgha miz-zwieg l-attrici skopriet li l-konvenut, allura zewgha, mhux biss kien jabbuza mix-xorb alkoholiku izda kien ukoll jabbuza mid-droga eroina. Saru sforzi da parti tal-konvenut sabiex dana jirrijabilita ruhu, izda inutilment, u wara konvivenza matrimonjali ta' sena u sitt xhur huma sseparaw de facto; u fit-2 ta' April 1998 huma ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali quddiem in-Nutar Dottor Nicholas Vella.

Illi fix-xhieda taghha l-attrici tispjega li hi kienet iddecidiet li tizzewweg lill-konvenut minhabba li skopriet li kien ser ikollha tarbija minnu u hi riedet li t-tarbija titwieled fiz-zwieg.  Hija tghid li wara gimgha miz-zwieg hija saret taf, rizultat tal-komportament tal-konvenut, li dana kellu l-vizzju ta' l-abbuz tad-droga.  Fi kliemha:

"Wara li zzewwgina kollox qisu gie open, qisu fferocja, beda jaghmel kollox, seraq id-dar kollha li hija tieghu, taghtili l-mummy, ha kollox, hwejjgu, beigh kollox, sa l-affarijiet ta' meta kelli t-tifla ha kollox, li tista timmagina, kollox.  Hwejjeg biss kien baqalu, il-bqija, xejn, xejn. Jiena x' hin beda jsir daqshekk feroici, wara ghaxart ijiem, ma stajt naqbad tarfu."[1]

[1] Dep. attrici fol.32 *et seq*.

L-attrici tkompli tghid li huwa kien isawwatha biex igieghlha taghtih il-flus tal-paga li kienet iddahhal hi, peress li kienet hi li kienet iggib il-flus id-dar ghax il-konvenut ma kienx jahdem. Hija kkonfermat li l-konvenut kien isawwatha peress li ried il-paga taghha biex jixtri d-droga biha. Hija tikkonferma li matul il-konvivenza matrimonjali qasira ta' sena u nofs hija qatt ma setghet tghix il-hajja mizzewwga normali minhabba l-komportament abusiv tal-konvenut.

Illi fid-deposizzjoni taghha s-social worker ikkonfermat li bejn is-snin 1996 u 1999 il-konvenut kien mar is-Sedqa peress li kellu l-problema li hu kien dipendenti fuq id-droga. Skond ir-records taghhom il-konvenut kien beda jabbuza bid-droga mill-eta' ta' 16-il sena.

Illi fix-xhieda tieghu l-konvenut ikkonferma d-dipendenza tieghu fuq id-droga fiz-zmien li zzewweg lill-attrici.

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravviza da parti tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat li jikkontempla bhala raguni li twassal ghall-annullament taz-zwieg, il-kaz fejn konjugi jkollu difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha.

In tema legali jigi osserva li fil-gurisprudenza nostrana jinsab assodat li biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fil-paragrafu precitat, jehtieg li jkun hemm l-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti, u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali, jew li parti tkun mahkuma minn impulsi nterni li "nehhewlha" l-liberta tal-ghazla u li kienu determinanti ghal ghazla u mhux semplicement akkumpanjawha.

Illi fil-kaz in disamina l-Qorti tosserva li ma hemm l-ebda dubbju li, kif jirrizulta manifest mic-cirkustanzi tal-kaz,

meta l-konvenut taha l-kunsens matrimonjali tieghu huwa kien mahkum mid-dipendenza tat-droga sa tal-grad li ma gharafx u ma fehemx x' inhuma l-obbligi essenzjali taz-zwieg, u cioe' dawk tal-konvivenza diretta lejn il-ben essere reciproku, il-prokreazzjoni ta' l-ulied u t-trobbija taghhom. Fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu, huwa kien mahkum minn impulsi nterni li zgur nehhewlu l-liberta' ta' l-ghazla, u dak li hu kien qed jara dak il-hin kien biss mezz kif huwa seta' jkompli jakkwista d-droga u jikkoltiva l-vizzju tieghu, u xejn aktar. Dan jispejega kif f' temp qasir ta' gimgha mid-data taz-zwieg huwa wera bic-car li ma kienx kapaci, la mentalment u lanqas fisjologikament, li jesegwixxi l-obbligi matrimonjali tieghu fil-konfront ta' l-attrici, allura martu, li huwa kien jaraha biss bhala fonti ta' finanzjament tal-vizzju tieghu sa l-estremita' li kien isawwatha jekk ma kienitx taghtih il-paga taghha.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikou 19[1] tal-Kap.255 liema caput nullitatis jezisti biss fil-konfront tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-17 ta' Frar 1996.  L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------